MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 286/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-esponenti kienu izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju elf disgha mija disgha u disghin (1999) (Dok A) minn liema zwieg twieldu zewg itfal, ZBD li twieldet fit-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u wiehed (2001) u SBD li twieldet fil-wiehed u tletin ta' Awissu elfejn u hamsa (2005);

Illi l-partijiet ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn erbgha (4) snin u qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-kuntratt tas-separazzjoni personali gie ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr Mary maghrufa bhala Mariella Mizzi, fit-tlieta ta' April elfejn u erbatax (2014) (Dok B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom ta' manteniment;

Illi m'hemm l-ebda pendenzi rigward manteniment tal-minuri;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Awissu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u legalment separati mit-3 ta' April 2014;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------